

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 238/2010

tat-22 ta' Marzu 2010

li jemenda l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżit għall-ittikettjar tax-xorbiet li fihom volum ta' aktar minn 1,2 % ta' alkoħol u li fihom ċerti koloranti tal-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jipprovdi lista ta' koloranti tal-ikel li għalihom it-tikketta jrid ikun fiha l-informazzjoni miżjuda li daww il-koloranti jistgħu jkollhom effett negattiv fuq l-attività u l-attenzjoni tat-tfal.
- (2) Eċċezzjoni għal din ir-regola hija diġà prevista fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għall-oġġetti tal-ikel li fihom il-kolorant intuża għal għanijiet ta' saħħa jew fil-marki fuq il-prodotti tal-laħam jew għall-ittimbrar jew bħala kuluri dekorattivi fuq il-qxur tal-bajd.
- (3) Il-koloranti elenkati fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistgħu jintużaw f'ċerti xorbiet alkoħoliċi, bħall-inbejjed aromatizzati, ix-xorbiet aromatizzati b'bażi ta' nbid u koktejs aromatizzati prodotti mill-inbid, inbejjed tal-frott, is-sajder, il-perri u ċerti xorbiet b'kontenut għoli ta' alkoħol. Billi l-prodotti li fihom kontenut ta' aktar minn 1,2 % volum ta' alkoħol mhumiex maħsubin għall-konsum tat-tfal, l-ittikettjar miżjud previst fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għalhekk la hu meħtieġ u lanqas mhu xieraq għal dawn l-oġġetti tal-ikel.

Dan ir-Regolament se jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-22 ta' Marzu 2010.

(4) Għaldaqstant l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u ma għew ikkontestati la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

In-nota tal-qiegħ "(*) Bl-eċċezzjoni ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-kolorant(i) ġie/ġew użat(i) għall-għan tas-saħħa jew għal marki oħrajn fuq prodotti tal-laħam jew għall-ittimbrar jew bħala kuluri dekorattivi fuq il-qxur tal-bajd" jiġi sostitwit b'li ġej:

"(*) Bl-eċċezzjoni ta':

- (a) oġġetti tal-ikel li fihom il-kolorant(i) ġie/ġew użat(i) għall-għan tas-saħħa jew għal marki oħrajn fuq prodotti tal-laħam jew għall-ittimbrar jew bħala kuluri dekorattivi fuq il-qxur tal-bajd u
- (b) xorbiet li fihom iżjed minn 1,2 % volum ta' alkoħol."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-20 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.